# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH

**DISTRETT QORMI**

**Pulizija**

**vs**

**Ruben Galea**

**Illum, 29 ta' Ottubru, 2021**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni mressqa kontra Ruben Galea bil-karta tal-identità numru 276975M, fejn ġie akkużat talli fid-9 ta' April 2019, għall-ħabta ta' 16.00hrs ġewwa Triq Ragħaj, Ħal Qormi, ipprova jisraq u jikkaġuna ħsarat volontarja minn vettura tal-għamla Citroen, numru DBF 286, delitt li ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaga aċċidentali jew indipendenti mill-volontà tiegħu.

Rat id-dokumenti eżebiti;

Semgħet il-provi;

Semgħet trattazzjoni;

Rat li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi akkużat b'attentat ta' serq u attentat ta' ħsara volontarja.

Mix-xhieda mogħtija minn Ryan Laus, jirriżulta li huwa osserva lill-imputat jiftaħ il-pum tal-karozza tiegħu, u kien għalhekk li huwa staqsih x'kien qed jagħmel mal-karozza tiegħu. L-istess Laus ikkonferma li l-imputat kien wieġbu li ried il-*lighter*, u li jekk ried, seta' jmur jirraportah. Laus ikkonferma bil-ġurament tiegħu, li fil-karozza kellu *lighter* u l-basket tax-xogħol. Irriżulta wkoll mill-kontenut tal-affidavit ta' PS 274, li Laus kien spjega li kien ra lill-imputat ser jifqa' l-ħġieġa tal-karozza tiegħu. In oltre, fix-xhieda mogħtija minnu, Laus ikkonferma li l-imputat kien qed jipprova jkissirlu l-bieba tal-karozza.

Illi l-liġi penali tagħna, ma tagħti l-ebda definizzjoni tar-reat tas-serq, iżda skont il-ġurista Taljan Carrara, is-serq huwa t-teħid doluż ta' oġġett, li jappartjeni lil ħaddieħor, akkwistat b'mod frawdolenti, u dan bil-għan illi jsir il-qliegħ mir-res furtiva. Din il-Qorti, wara li qieset il-provi indizzjarji u ċirkostanzjali li nstabu fil-kors tal-investigazzjonijiet tal-Pulizija, tqies li l-imputat kien ser jisraq xi oggetti minn ġol-vettura in kwistjoni, u dana anke akkost li jikkaġuna ħsarat volontarji fuq l-istess vettura biex jasal għal dan il-fini. Madanakollu, irriżulta li minħabba li Ryan Laus nzerta kien fil-gallerija tar-residenza tiegħu, u osserva dak li kien qed jagħmel l-imputat, irnexxielu jimpedixxi lill-imputat milli jeżegwixxi dak li kellu f'moħħu.

Id-difiża tikkontendi li l-imputazzjoni ma ġietx ifformulata b'mod korrett, peress li ma hemm l-ebda indikazzjoni tal-valur tal-allegat oġġett li kien ser jinsteraq. Ma hemmx indikat jekk is-serqa kienet ser issir fir-rigward tal-vettura kollha, jew ta' xi oġġett li kien hemm fil-vettura. Inzerta li la m'hemmx valur indikat, ma hemmx reat ta' serq.

Dwar dan, il-Qorti tqis li l-valur tal-ħaġa misruqa, jirrendi r-reat tas-serq aktar oneruż ai termini tal-Artikolu 267 tal-Kodiċi Kriminali. Illi ai termini tal-Artikolu 284 tal-Kodiċi Kriminali, is-serq mhux akkumpanjat minn waħda mill-kwalifiki msemmijin fl-Artikolu 261, huwa serq sempliċi. Imbagħad l-Artikolu 285 tal-Kodiċi Kriminali jistipola li l-ħati ta' serq sempliċi, jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn xahar sa sitt xhur; Iżda jekk il-valur tal-ħaġa misruqa ma tkunx iżjed minn tlieta u għoxrin Ewro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29), l-akkużat

jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux aktar minn tliet xhur.

Illi huwa minnu li minn imkien, ma jirriżulta l-valur tal-haġa li kien qed isir attentat fuqha li tinsteraq. Il-Qorti tqies li jirriżulta li s-serqa, kienet għall-oġġetti li kienu kontenuti fil-vettura, u mhux għall-vettura nfisha per se. Dan jirriżulta minn dak li xehed Laus fil-mori ta' din il-kawża. Fl-ebda ħin iżda, ma ġie ndikat liema huwa l-valur mertu ta' din il-kawża. Issa skont is-sentenza fl-ismijiet, Pulizija vs Joseph Cutajar, deċiża nhar it-23 ta' Settembru 2005, mill-Imħallef Vincent Degaetano, il-Qorti tal-Appell irriteniet is-segwenti:

> *"Meta qorti, bl-applikazzjoni tal-esperjenza ta' kuljum tal-ġudikant, tkun tista' tagħmel il-valutazzjoni tagħha tal-ammont tal-ħsara (jew tal-valur ta' l-oġġett misruq) fis-sens li tistabilixxi jekk ikunx inqabeż jew le xi benchmark partikolari stabbilit mill-liġi (eż. jekk hux aktar minn għaxar liri, aktar minn ħamsin lira jew aktar minn ħames mitt lira – Art. 325(1), Kap. 9), m'għandux jitqabbad perit biex jagħmel stima ta' l-oġġett jew oġġetti in kwistjoni proprju għax tali valutazzjoni ma tkunx "tinħtieg ħila jew sengħa speċjali" (Art. 650(1), Kap. 9): l-ispejjeż ta' tali perizja u d-dewmien li din neċċessarjament iġġib ikunu inutili u għalhekk inġustifikati."* (Ara wkoll Pulizija vs Lorita Pace deċiża nhar is-7 ta' Diċembru 2006, mill-Imħallef Joe Galea Debono).

Il-Qorti, f' dan l-istadju, tagħmel referenza għal sentenza mogħtija minn din il-Qorti hekk kif ippreseduta, fl-ismijiet, Pulizija vs Mario Farrugia, deċiża fit-22 ta' Lulju 2020, (li qed tistenna l-eżitu tas-sentenza mill-Qorti tal-Appell) fejn id-difiża argumentat li l-Prosekuzzjoni ma kinitx f' pożizzjoni li tiddikjara kemm kwantum ta' flus seraq l-imputat mill-bottijiet tal-karità. Il-Qorti ddeċidiet li:

> *"Madanakollu, f'dan ir-rigward għandu jingħad li l-imputat huwa akkużat b' serq sempliċi u mhux b'xi aggravvju tal-valur. Għar-rigward ta' piena, din il-Qorti sejra tapplika il-proviso ta' l-artikolu 285 tal-Kodiċi Kriminali stante li ġialadarba ma hux magħruf il-valur tal-haġa misruqa, din il-Qorti sejra tapplika dak l-artikolu li l-aktar huwa ta' inqas pregudizzju għall-imputat u għalhekk sejra tqis li l-piena li sejra tagħti fir-rigward ta' din l-akkuża ma jeċċediex it-tlett xhur priġunerija."*

Din il-Qorti, fiċ-ċirkostanżi ta' dan il-każ, fejn ma hux magħruf il-valur tal-ħaga li kienet qed tiġi ttentata li tinsteraq, tissottolinja li l-imputat f'dan il-każ, kien qed

jiġi akkużat b'attentat ta' serq sempliċi. Sejra wkoll tapplika l-proviso tal-Artikolu 285 tal-Kodiċi Kriminali, stante li dan huwa ta' inqas preġudizzju għall-imputat.

Dwar l-attentat ta' ħsara volontarja fuq il-vettura in kwistjoni, il-Qorti tqies li wkoll, tali attentat ġie ampjament ippruvat. Ma rriżultax li kien hemm l-ebda hsara li ġiet ikkaġunata lill-vettura, u dan in vista li Ryan Laus irnexxielu jimpedixxi li jsir dan ir-reat.

Għal darb' oħra, f'dan ir-rigward, lanqas ma hemm xi indikazzjoni tal-prova tal-valur tal-ħsarat li setgħet ġiet ikkaġunata. Ġew identifikati tliet metodi kif il-ħsara tista tiġi kkwantifikata ai fini tal-prova tal-akkużi, taħt l-Artikolu 325 tal-Kodiċi Kriminali, u dan kif stabbilit fid-deċiżjoni, Il-Pulizija vs Joseph Zahra, u ċioè billi (i) jew tiġi apprezzata direttament mill-ġudikant, fis-sens li jekk il-ġudikant ikun jifhem biżżejjed, jista' jiddetermina huwa stess l-ammont tal-ħsara, billi jeżamina l-oġġett in kwistjoni; jew (ii) il-parti leża tgħid kemm effettivament ħallset biex issir it-tiswija ta' jew fi, l-oġġett; jew (iii) billi jitqabbad perit mill-Qorti biex jagħti l-fehma tiegħu dwar l-ammont tal-ħsara. Dawn il-metodi jiġu utilizżati biss meta ma jkunx hemm qbil bejn il-partijiet.

Il-Qorti hija tal-fehma li l-gudizzju finali huwa imħolli f'idejn il-ġudikant li jista' jagħmel apprezzament tal-prova in kwistjoni minn jeddu, u juża l-esperjenza tiegħu sabiex jasal sabiex jiddeċiedi jekk il-valur tal-ħsara, fil-fatt jidħolx fil-parametri tal-valur indikat, u dan mingħajr il-ħtieġa ta' xi ħila speċjali. Madanakollu, din il-Qorti tqies li għandha tapplika l-Artikolu 325(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali, fejn l-ammont tal-ħsara ma jkunx jiskorri tlieta u għoxrin Ewro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29). Illi l-Qorti tista' faċilment tasal, biex tistabbilixxi jekk dan il-minimu ta' ħsara setgħax jirriżulta, tenut kont li hawn si tratta ta' ħsarat li kienu ser isiru fuq karozza. Ma tridx xi sapjenza kbira biex tasal għall-konklużżjoni valida, li ħsarat f'partijiet minn karozza jiġu jiswew ċertament valur ta' €23.29ċ. Għal darb' oħra, din il-Qorti qiegħda tapplika dak l-artikolu li l-aktar huwa ta' inqas preġudizzju għall-imputat.

Dan magħdud, madanakollu, billi r-reat tal-attentat ta' ħsara volontarja f'dan il-każ, serva bħala mezz ai fini tar-reat tas-serq jew tat-tentattiv tiegħu, din il-Qorti għandha tapplika l-Artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali, u għalhekk din il-Qorti sejra tagħti l-piena għar-reat tat-tentattiv tas-serq biss.

**Deċide**

**Għaldaqstant, din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17(h), 41(1)(a), 284, 285 u 325(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali, qed issib lill-imputat Ruben Galea, ħati tal-imputazzjoni mressqa kontra tiegħu, u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tilliberah, bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat iehor fi żmien xahrejn mil-lum.**

**Maġistrat Simone Grech**

**Janet Calleja**

**Deputat Reġistratur**